# Qorti Civili - Prim'Awla
# Sede Kostituzzjonali

**Imhallef**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 26 ta' Gunju 2025**

**Kawza Numru: 3**
**Rikors Numru: 444/2023 JVC**

**Nicholas Borg (KI. 318862M), Maria Carmela sive Marlene Boxall (KI. 061363M), Giorgio Borg (KI. 0508532M), Alfred Pace (KI. 0422139M), Maria Anna Pace (KI. 0503541M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Nazzareno Bezzina (KI. 12445M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Nicholas Borg et li jaqra kif isegwi:

'1. Illi l-esponenti huma proprjetarji tar-razzett maghruf bhala '**Ta' Farrugia**' u wkoll maghrufa bhala '**Tal-Lewza**' jew '**Tax-Xama**' fil-

kuntrada maghrufa bhala ta' Sant' Andrija, Siggiewi ta' kejl ta' circa 12-il tomna, liema proprjeta` ppervieniet lir-rikorrenti mill-wirt tal-mejta Carmela Pace, li wirtet l-istess b'testment tad-19 ta' Marzu 1955 fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicola Said, **DOK A** hawn anness u mmarkat, liema proprjeta` intirtet mit-3 uliedha r-rikorrenti Alfred Pace, Maria Anna Pace u ulied il-mejta Saveria Borg, u dan skond pjanta **DOK B** hawn annessa u mmarkata.

2. Illi l-imsemmija **Saveria Borg** mietet fil-21 ta' Dicembru 2022 u l-wirt taghha ddevolva b'testment tal-5 ta' Novembru 2022 fl-Atti tan-Nutar Dottor Clara Farrugia Grixti skond dikjarazzjoni *causa mortis* tal-5 ta' Gunju 2023 fl-Atti tan-Nutar Dottor Angela Bezzina **DOK C** hawn anness u mmarkat, fejn innominat liz-zewg uliedha r-rikorrenti **Nicholas Borg** u **Maria Carmela Boxall** bhala legatarji ta' sehmha mill-fond in kwistjoni.

3. Illi Giorgio Borg, l-armel ta' Saveria Borg, huwa l-eredi tal-istess Saveria Borg u ghalhekk ghandu interess flimkien ma' uliedu r-rikorrenti Nicholas Borg u Maria Carmela Boxall li jikseb maghhom dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali minnu sofferti tul iz-zmien minn martu flimkien ma hutha u qabilha ommhom, bid-disposizzjonijiet tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi l-art in kwistjoni hija mqabbla lill-intimat Nazzareno Bezzina, li wiret il-qbiela minn martu Carmela Bezzina li ppremorietu, liema art kienet imqabbla lilha bil-qbiela ta' **Lm35.50c** li giet sussegwentement awmentata ghal **€165.40c** u llum bil-qbiela ta' **€350** fis-sena imhallsa b'lura kull 15 ta' Awwissu skond ricevuti hawn annessi **DOK D, DOK E u DOK F** hawn annessi u mmarkati.

5. Illi l-arti in kwistjoni tikkomprendi raba' u razzett kbir, zewg barumbari, imqajjel, u strutturi ohra.

6. Illi ai termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimati wirtu l-qbiela tar-raba fuq msemmija li qieghdin ihallsu bir-rata ta' **€350 kull 15 ta' Awwissu ta' kull sena**.

7. Illi gialadarba t-titolu ta' lokazzjoni li ghandu l-intimat huwa titolu ta' qbiela, *ossia* lokazzjoni agrikola li giet ghandu mill-wirt tal-mejta martu Carmela Bezzina li wirtet l-istess minn missierha Giuseppi Attard, japplika l-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi l-valur tal-ghalqa de quo huwa ta' *circa* **€2,000,000 skond rapport tal-Perit Matthew Briffa tat-23 ta' Marzu 2023 DOK G hawn anness u mmarkat,** u ghandha valur lokatizju sostanzjali u ghalhekk tenut kont tal-fatt illi l-qbiela pagabbli huma ta' biss **€350** fis-sena, certament illi hemm sproporzjon flagranti bejn il-valur lokatizju fuq is-suq hieles u l-valur lokatizju kif impost mill-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement bejn id-drittijiet tar-rikorrenti bhala sidien l-ghalqa u l-intimati Deguara bhala gabillotti tal-istess ghalqa.

9. Illi r-rikorrenti qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022 kellhom id-drittijiet fundamentali taghhom lezi bid-drittijiet moghtija lill-intimati ai termini tal-istess Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huma ma setghu qatt jirriprendu l-pussess tal-istess raba' kif ukoll l-anqas jghollu skond is-suq il-qbiela tar-raba in kwistjoni.

10. Illi minkejja d-disposizzjonijiet tal-Att XXII tal-2022, dawn xorta huma lezivi *stante* li l-metodologija rigwardanti l-awmenti tal-qbiela ma jiehdux in konsiderazzjoni l-valur tas-suq tal-proprjeta` imma jillimitaw dan b'cirkostanzi u konsiderazzjonijiet inekwi u detrimentali ghall-istess sidien.

11. Illi l-Artikolu 4 tal-imsemmi Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi sid ta' raba' li tkun mikrija jista' jigi awtorizzat jirriprendi lura l-pussess ta' dik ir-raba biss jekk tikkonkorri xi wahda mic-cirkostanzi tassattivament elenkati fit-tieni subinciz tal-istess artkolu, u fin-nuqqas li tinkorri mqar wahda minn dawn ic-cirkostanzi, is-sid huwa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi mgieghel illi jaccetta l-proroga indefinita tal-lokazzjoni, u dan ghad illi tali proroga tkun qed issehh kontra l-volonta' tas-sid innifsu.

12. Illi oltre dan, a tenur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 199, is-sid huwa prekluz milli jvarja jew jimmodifika, jew milli jagixxi ghall-varjazzjoni jew

għall-modifika tal-kundizzjonijiet lokatizji, inkluz izda mhux biss, ir-rata ta' kera ossia qbiela pagabbli lilu, jekk mhux bi ftehim bil-miktub mal-inkwilin, salv fil-kaz li tkun tikkonkorri xi wahda mic-cirkostanzi tassattivament elenkati fl-imsemmi artikolu. Fin-nuqqas tal-konkors ta' xi wahda mic-cirkostanzi msemmija, is-sid jkollu effettivament jissokkombi ghall-proroga indefinita tal-lokazzjoni bl-istess kundizzjonijiet, irrispettivament minn kull kunsiderazzjoni ohra li tista' tkun ilevanti ghall-kaz.

13. Illi barra minn hekk, l-Artikolu 14 tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta espressament jikkommina s-sanzjoni tan-nullita' fil-konfront ta' kull patt jew kundizzjoni li jcahhad lill-inkwilin minn xi beneficcju moghti lilu permezz tal-Kap. 199, biex b'hekk lanqas bil-kunsens tal-inkwilin ma jista' sid jiftiehem biex itejjeb il-qaghda tieghu fil-kuntest tal-kirja li biha hwejgu jkunu mghobbija.

14. Illi ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 qieghdin icahhdu lir-rikorrenti mit-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom b'karenza tal-interess pubbliku necessarju sabiex tali cahda tista' tirrizulta gusitifikata, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif tutelati mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

15. Illi inoltre, d-drittijiet tar-rikorrenti qed jigu lezi wkoll billi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdin iwasslu ghal kontroll u interferenza fl-uzu u fit-tgawdija tal-proprjetà taghhom liema kontroll u interferernza jikkostitwixxu piz sproporzjonat li qed jitghabbew bih ir-rikorrenti minghajr kumpens xieraq u adegwat.

16. Illi a tenur tal-Att XVI tal-1967 ossia l-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta l-mittenti ma jistghu qatt jitterminaw il-qbiela tar-raba` peress illi minkejja li l-proprjeta` mhijiex tal-inkwilini huma ghandhom dritt li jassenjaw l-istess kirja lill-uliedhom u/jew lin nies li jigu minnhom kif tistipula din l-istess Ligi filwaqt illi r-rikorrenti huma kostretti jkomplu jircievu l-qbiela irrizorja ta' **€350** fis-sena, u dan meta l-valur tal-ghalqa de quo fis-suq hieles huwa ta' mill-inqas **€2,000,000**.

17. Illi kull awment li jista talvolta jakkorda l-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' huwa xorta irrizorju u ma jikkombacjax mal-valur lokatizju tal-ghalqa fis-suq, oltre illi t-talba taghhom ghar-ripreza tal-istess ghalqa diga' giet michuda skond is-sentenzi surreferiti.

18. Illi r-rikorrenti m'ghandhomx rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi huma ma jistghux jzidu il-kera b'mod ekwu u gust skond il-valur tas-suq illum stante illi dak li effettivament huma jistghu jircievu huwa dak kif limitat bil-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

19. Illi dan kollu gja gie determinat fil-kawzi ***Amato Gauci Vs Malta no. 47045/06 deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 u Lindheim and others Vs Norway nru. 13221/08 u 2139/10 deciza fit-12 ta' Gunju 2012 u Zammit and Attard Cassar vs Malta applikazzjonu nru. 1046/12 deciza fit-30 ta' Lulju 2015.***

20. Illi gialadarba r-rikorrenti qed jsofru minn nuqqas ta' *"fair balance"* bejn l-interessi generali tal-komunita' u l-bzonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deciz b' ***Beyeler vs Italy nru. 33202/96, J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd vs the United Kingdom [GC], nru. 44302/02, § 75, ECHR 2007-III) u ghalhekk il-principju ta' proporzjonalita' kif gie deciz f'Almeida Ferreira and Melo Ferreira vs Portugal nru. 41696/07 § 27 u 44 tal-21 ta' Dicembru 2010.***

21. Illi r-regolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza mad-dritt tas-sid ghall-uzu tal-proprjeta taghhom stante illi dawn l-iskemi ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jittermina l-kirja tal-inkwilin u wisq inqas ta' min qed jipprova jippresta lilu nnifsu bhala inkwilin meta mhuwiex jikkostitwixxi kontroll tal-uzu tal-proprjeta' fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ***(vide Hutten-Czapska vs Poland [GC], nru. 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, Bitto and Others vs Slovakia, nru. 30255/09, § 101, 28 ta' Jannar 2014 u R&L, s.r.o. and Others §108).***

22. Illi din huma wkoll diskriminatorja sia ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

23. Illi l-valur lokatizju tal-post huwa ferm oghla minn dak li l-ligi imponiet li r-rikorrenti ghandhom jircievu b'tali mod illi bid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 34, 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea il-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta mhux biss ikkawzaw diskriminazzjoni bejn proprjeta immobbiljari u ohra ossia bejn fondi urbani ghax inzerta illi minflok li l-fond huwa dar u/jew fond kummercjali huwa ghalqa imma xorta fond urban u ghalhekk dan ukoll jilledi d-drittijiet kostituzzjonali kif protetti taht l-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ta' l-Artikolu 1 u 14 tal-Protocol Nru. 1 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk il-Ligi fuq imsemmija ghandha tigi ddikjarata anti-kostituzzjonali u ghandha tigi emendata, kif del resto diga gie deciz mill-***Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Amato Gauci vs. Malta – deciza fil-15 ta' Settembru, 2009 u Zammit and Attard Cassar vs Malta deciza fit-30 ta' Lulju 2015 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem*** u fejn gie deciz impost kirja unilaterali ghal perijodu indeterminat lid-dixxendenti tal-inkwilin originali minghajr ebda limitu u minghajr ma pprovditilhom kera gusta u ekwa u ghalhekk fic-cirkostanzi huma ghandhom jircievu danni pekunjari bl-interessi kontra l-intimati u l-izgumbrament mill-fond stante l-piz zejjed li r-rikorrenti qed jerfghu minhabba legislazzjoni ingusta u mhux ekwa u li ma tikkreax bilanc bejn l-inkwilin u dawk tas-sid.

24. Illi l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta wkoll diga' ppronunzjat ruhha f'dan ir-rigward, fil-kawza **Rikors Nru. 133/2018/1 fl-ismijiet J&C PROPERTIES LIMITED (C-29114) vs PULIS NAZZARENO ET, deciza fit-23 ta' Novembru 2020**, fejn fuq talbiet simili ghal dawk tal-kawza odjerna, l-istess Qorti sabet ksur tad-drittijiet tas-socjeta rikorrenti mħares taħt l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u b'hekk iddikjarat illi l-konvenuti Pulis ma jistgħux jinqdew iktar bid-

disposizzjonijiet tal-art. 3, 4 u 14 tal-Kap. 199 safejn dawk id-disposizzjonijiet jagħtuhom jedd ta' rikolazzjoni obbligatorja.

25. Illi hawn issir referenza wkoll ghall-kawza tal-Qorti Kostituzzjonali Rik Nru 133/2018/1 fl-ismijiet '**J&C Properties Ltd vs Nazzareno Pulis et' deciza fit-23 ta' Novembru 2020,** kif ukoll fl-ismijiet '**Vincenza sive Sina Magro vs Avukat Generali et**' Rik Nru 224/2019/1 deciza fil-31 ta' Mejju 2023, kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet '**Avukat Dr Francis lanfranco vs Avukat** Generali' deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-18 ta' Marzu 2021, kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet '**Myriam Chemel et vs Avukat tal-Istat et' deciza mill-Prim**' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta' Gunju 2023 u ghall-kawza Rikors Nru 150/2019 fl-ismijiet '**Adriana Chircop et vs Avukat tal-Istat et**' deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Mejju 2023, u ghall-kawza Rik Nru 41/2021 LM fl-ismijiet '**Anne Sultana et vs Agnes Caruana et**' deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Gunju 2023, fejn f'kawzali simili ta' dawk odjerni, l-Qrati ddikkjaraw ksur tad-drittijiet fundamentali tas-sidien fil-konfront tal-applikazzjoni tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie likwidat kumpens pekunjarju u non pekunjarju ghal dan l-istess ksur.

26. Illi huma ghandhom dritt jircievu l-kumpens pekunjarju u non pekunjarju oltre l-imghaxijiet legali, tat-telf kollu li huma ghamlu mill-1 ta' Awwissu 1987 *ossia* mad-dhul fis-sehh tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem sa-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022 *stante* li l-qbiela li rcevew qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi kienet fattwuza.

**GHALDAQSTANT**, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, sabiex jghidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex:

I. **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma gie emendat bl-Att XXII tal-2022 u bir-

regolamenti li gew introdotti bl-istess Att, b'mod partikolari, izda mhux biss, l-Artikoli 3, 4 u 14 tal-istess Kap. 199 qieghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimat **Nazzareno Bezzina (KI.12445M)** ghar-razzett maghruf bhala *'**Ta' Farrugia**' u wkoll maghrufa bhala '**Tal-Lewza**' jew '**Tax-Xama**' fil-kuntrada maghrufa bhala ta' Sant' Andrija, Siggiewi ta' kejl ta' circa 12-il tomna* li jappartjeni lill-istess rikorrenti, u dan qed jirrendiha impossibli lill-istess rikorrenti li tirriprendi l-pussess tal-imsemmija proprjetà.

**II.** **Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeciedi** illi qed jigu lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà taghha ossia r-razzett maghruf bhala '**Ta' Farrugia**' u wkoll maghrufa bhala '**Tal-Lewza**' jew '**Tax-Xama**' fil-kuntrada maghrufa bhala ta' Sant' Andrija, Siggiewi ta' kejl ta' circa 12-il tomna, kif protetti mill-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u anke mill-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni u b'hekk taghtiha ir-rimedji li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluz ir-ripresa tal-ghalqa de quo.

**III.** **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens pekunjarju u non pekunjarju u danni sofferti mir-rikorrenti *oltre* imghaxijiet legali b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XVI tal-1967 ossia l-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022, li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk ta' l-inkwilini, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni, u dan ai termini tal-Ligi.

**IV.** **Tillikwida** l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Ligi u dan *oltre* l-imghaxijiet legali.

**V.** **Tikkundanna** lill-intimati jew min minnhom jhallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati, bl-imghax legali tat-8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta tal-intimat Nazzareno Bezzina li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti ma jista' qatt iwieġeb għar-rikors promotur in kwantu li huwa ċittadin privat u li għaldaqstant ma jista' qatt jinstab ħati ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali kif pretiż mir-rikorrenti fir-rikors promotur;

2. Illi r-rikorrenti għandhom jagħtu prova ċara u inekwivoka tat-titolu tagħhom;

3. Illi tajjeb li jiġi elenkat kif ir-rikorrenti ma jistgħux javvanzaw talbiet ta' din ix-xorti jekk m'eżawrewx ir-rimedji ordinarji kkontemplati fil-liġi, u dan stante li l-kawża bin-numru 23/2023SG quddiem l-Onorabbli Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba għadha mhux *res judicata*;

4. Illi r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw minn xi privazzjoni jew leżjoni ta' drittijiet fundamentali tagħhom stante li l-liġi kienet ben ċara meta l-aventi causa tagħhom ikkonċedew il-fond oġġett ta' dina l-kawża lill-esponenti;

5. Illi b'referenza għad-dokument mar-rikors promotur, anness u mmarkat 'Dok G', ir-rapport ta' valutazzjoni m'huwiex attentibbli u dan stante li ma sarx ai termini tar-regolamenti stabbiliti taħt il-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta fuq valutazzjonijiet ta' art agrikola. Għal dina r-raġuni preċitata, l-imsemmi rapport huwa kkontestat f'kull sens;

6. Illi l-esponenti jagħmlu tagħhom ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u dan sa fejn ma hijiex inkompatibbli ma' dak espost hawn qabel.

Salv eċċezzjonijiet oħra.'.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

'1. Illi jrid l-interess ġuridiku tar-rikorrenti u minn meta dan jibda, jekk jibda. Sa issa hemm indikazzjoni mid-DOK.C esebit mar-Rikors promotur [Dikjarazzjoni causa mortis u immissjoni fil-pussess], illi r-rikorrenti Nicholas Borg u Marlene Boxall huma legatarji ghal terz il-fond de quo, u gew immessi fil-pussess biss fil-5 ta' Gunju 2023. Madanakollu l-interess tar-rikorrenti l-ohra ghadu mhux pruvat sal-grad rikjest mil-Ligi;

2. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova sodisfacjenti li l-fond de quo huwa mikri, u mikri b'kirja li taqa' taht l-awspici tal-Kap.199 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat illi l-procedura odjerna hija intempestiva stante illi jezistu rimedji ordinarji fil-forma ta' mezzi gudizzjarji li r-rikorrenti jista' juzufruwixxi ruhu minnhom biex jirripprendi l-pussess tal-fond de quo. Ma jirrizultax illi r-rikorrenti qatt uzufruwew mill-mezzi legali a dispozizzjoni taghhom sabiex itejbu s-sitwazzjoni taghhom, kemm fil-kuntest ta' kera, kif ukoll fir-rigward tar-rkupru tal-pussess tal-fond de quo. **Partikolarment fil-konfront tar-rikorrenti Marlene Boxall u Nicholas Borg, il-legatarji, huma gew immessi fil-pussess wara li dahlu fis-sehh l-emendi ghall-Kap. 199, u ghalhekk certament fiz-zmien li beda l-interess taghhom ma jista jkun hemm ebda dubju li kellhom rimedju tajjeb u effikaci**. Ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti hija mistiedna sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ai termini ta' l-Artikolu 4(2) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta;

**L-Ewwel Talba**

4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

5. Illi l-esponenti joggezzjona ghall-ewwel talba stante li ma hux minnu li l-Kap. 199 kollu kemm hu u/jew l-Artikolu 4 ta' l-istess Kap. 199 jaghti lok ghal rilokazzjoni indefinita jew ixekkel mod iehor it-tgawdija tal-fond de quo;

6. Illi **l-Artikolu 3 tal-Kap.199** jipprovdi biss il-mekkanizmi il bihom jistghu jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-kirja;

7. Illi **l-Artikolu 4 tal-Kap 199** isemmi varji istanzi meta l-kirja tista jew ma tiggeddidx jew tigi terminata u jipprovdi mekkanizmu legali quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', f'kaz li s-sid ma jilhaqx ftehim ma' l-inkwilin.;

8. Illi jirrizulta car mill-istess Artikoli 3 u 4 illi s-sid jista' jilhaq ftehim ma' l-inkwilin sia ghat-tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kirja u anke t-terminazzjoni taghha – altru li r-rikorrenti noe jibqa` sfurzat f'kirja li ma jridx *ad eternum*;

9. Illi **L-Artikolu 14 tal-Kap.199** ma jzommx jew ma jwaqqafx lill-partijiet koncernati milli jilhqu ftehim kif inghad izjed 'l fuq, jew illi jirrikorru ghall-mekkanizmi legali mahsuba fl-istess Kap.199. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li dan l-Artikolu jaghti dritt ta' rilokazzjoni indefinita u jrendi impossibbli r-ripriza tal-fond de quo;

10. Il-Kap.199 jipprovdi mekkanizmu legali li permezz tieghu l-kundizzjonijiet tal-qbiela jistghu jitjiebu bla limitu;

**It-Tieni Talba**

**11.** Illi fir-rigward tat-tieni talba, u safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-**Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel protokoll tal-**

**Konvenzjoni Ewropea**, ghandu jinghad li skond il-*proviso* ta' dan l-istess artikolu, l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` skond l-interess generali. F`dan is-sens huwa maghruf fil-gurisprudenza li l-lstat igawdi minn diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x`inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghall-harsien ta' l-interess generali. Sewwasew, il-Kap 199 tal-Ligijiet ta` Malta ghandu: (i) ghan legittimu ghax johrog mil-Ligi, (ii) huwa fl-interess generali ghax huwa mahsub biex iheggeg u jhares it-tkabbir ta` prodotti agrikoli, fjuri u sigar tal-frott li huma mehtiega ghall-hajja; u (iii) izomm bilanc gust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-gabillott u tal-poplu b`mod generali. Jigi b`hekk, li l-esponenti ma jarax kif il-Kap 199 ghandu jitqies li jmur kontra l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;

12. Illi sahansitra l-Unjoni Ewropeja rrikonoxxiet l-importanza tal-biedja, u harget dokumenti legali u linji gwida, **u sahansitra ssuggeriet li jsir capping tal-qbiela, proprju biex jiġu protetti l-bdiewa**;

13. Illi, il-Kap. 199 jipprovdi mekkanizmu legali b'access ghall-Qrati u tribunal Maltin, li permezz taghhom, il-kundizzjonijiet tal-qbiela jistghu jittejbu minghajr limitu;

14. Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma hux applikabbli ghall-kaz de quo;

15. Illi assolutament ma hux minnu li sehhet xi lezjoni ta' drittijiet vantati mir-rikorrenti sanciti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

**It-Tielet Talba**

16. Illi jsegwi li l-esponenti m'ghandux jigi kkundannat ihallas kwalunkwe somma lir-rikorrenti;

17. Illi anke in pessima ipotesi ghall-esponenti, id-dikjarazzjoni tal-ksur effettiv tad-drittijiet u l-ghoti tar-rimedji ai termini tat-tieni talba ghandhom jirrizultaw bizzejjed sabiex ir-rikorrenti noe jinghata 'just satisfaction';

18. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, sa fejn ir-rikorrenti qeghdin jippretendu l-ghoti ta' danni, li l-esponenti jifhem ikunu ta' natura pekunjarja, l-oneru jinkombi fuq ir-rikorrenti sabiex igibu prova sodisfacjenti skond il-Ligi tad-danni li allegatament sofrew;

19. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu r-rikorrenti noe jippretendi l-ghoti ta' kumpens, li l-esponenti jifhem li huma danni non-pekunjarji, din it-talba qed tigi opposta;

20. Fir-rigward tal-legatarji Marlene Boxall u Nicholas Borg, li jidher li gew immessi fil-pussess tal-legat taghhom fil-5 ta' Gunju 2023, dawn zgur ma jistghux jilmentaw la b'danni pekunjarji u lanqas danni non-pekunjarji;

21. Illi, in pessima ipotesi ghar-rikorrenti, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fil-mertu, r-rikorrenti ma jistghux jilmentaw dwar perjodi qabel ma huma akkwistaw titolu fuq il-proprjetà in kwistjoni – din l-eccezzjoni tincidi ghall-iskop tat-temperament ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha talloka lir-rikorrenti.

22. Illi ghal dawn il-motivi kollha, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat l-affidavits, xhieda, testment, pjanta, dikjarazzjoni *causa mortis*, kopji ta' ricevuti tal-hlas tal-qbiela, rapport *ex-parte*, cedola ta' depositu, kopja tal-ktieb tal-hlas tal-qbiela, dokumenti ulterjuri u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Jannar, 2024 Dr. Edward Debono talab in-nomina ta' Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond cioe' razzett maghruf bhal 'Ta' Farrugia' u wkoll maghruf bhala 'Tal-Lewza' jew 'Tax-Xama' fil-kuntrada maghrufa bhala ta' Sant'Andrija, Siggiewi minn 1987 u kull hames snin sal-1 ta' Settembru, 2023, rat li Dr. James D'Agostino ghall-Avukat tal-Istat irrileva li r-rikorrenti Nicholas Borg u Maria Carmela Boxall jidher mill-atti promoturi li huma legatarji u ghaldaqstant l-indikazzjonijiet mit-tieni paragrafu tar-rikors promotur hu li kwalunke immissjoni fil-pussess jekk sehhet saret fis-sena 2023 ghalhekk huwa jissuggerixxi li t-*terms of reference* tal-perit tekniku ghandhom ikunu in kwantu ghal dawn iz-zewg rikorrenti mill-1 ta' Jannar, 2023 (imqar sakemm issir il-prova tar-rimissjoni fil-pussess) u rat li l-Qorti laqghet it-talba kif dedotta mir-rikorrenti b'dan li zzomm l-oggezzjoni f'mohha meta tasal ghall-ispejjez fid-decizjoni u rat li nnominat lill-Perit Mario Cassar;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar prezentat fl-atti nhar l-1 ta' Frar, 2024 u mahluf nhar l-20 ta' Mejju, 2024 a fol. 46 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 24 ta' Ottubru, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor tal-kaz odjern huma kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti jippremettu li huma l-proprjetarji tal-fond ossia tar-razzett maghrufa bhala 'Ta' Farrugia' u wkoll maghrufa bhala 'Tal-Lewza' jew 'Tax-Xama' fil-kuntrada maghrufa bhala ta' Sant'Andrija, Siggiewi ta' kejl ta' cirka 12 il-tomna liema proprjeta' pperveniet ghandhom mill-wirt tal-mejta Carmela Pace li kienet wirtet l-istess b'testment tad-19 ta' Marzu, 1955 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said (ara testment a fol. 10 et seq tal-process). Illi sussegwentement l-proprjeta' in kwistjoni ntirtet mit-tlett (3) uliedha cioe' r-rikorrenti Alfred Pace, Maria Anna Pace u minn Saveria Borg li llum hemm flokha wliedha r-rikorrenti Nicholas Borg u Maria Carmela sive Marlene Boxall. Fl-atti ma giex esebit kopja tat-testment ta' Carmela Pace li permezz tieghu l-fond in kwistjoni ghadda favur uliedha/neputijiet r-rikorrenti madanakollu l-Qorti tinnota li fl-atti gewipprezentati kopja ta' ricevuti tal-hlas tal-qbiela a fol. 26 u a fol. 74 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li f'xi okkazzjonijiet il-hlas sar favur ir-rikorrenti kollha u ghalhekk din hija konferma li effettivament ir-rikorrenti huma proprjetarji fil-kwota ta' terz (1/3) indiviz kull wiehed/wahda minnhom.

Illi l-imsemmija Saveria Borg giet nieqsa fil-21 ta' Dicembru, 2022 u l-wirt taghha ddevolva b'testment tal-5 ta' Novembru, 2022 fl-atti tan-Nutar Dottor Clara Farrugia Grixti fejn permezz tal-imsemmi testment hija halliet bhala legatarji ta' sehemha mill-fond in kwistjoni lir-rikorrenti Nicholas Borg u Maria Carmela sive Marlene Boxall. Filwaqt li r-rikorrenti Giorgio Borg huwa l-eredi universali u padrun assolut tal-istess Saveria Borg, ghalhekk huwa ghandu interess flimkien ma' wliedu (ara dikjarazzjoni *causa mortis* a fol. 13 et seq tal-process). Fid-dikjarazzjoni l-proprjeta' giet deskritta bil-mod segwenti:

'C. It-terz (1/3) indiviz tal-ghalqa, inkluz ir-razzett u benefikati ohra mibnija fuqha, fil-kontrada "Ta' Farrugia" u/jew "Ta' Sant'Andrija", fi Triq ta' Sant'Andrija, limiti tas-Siggiewi, Malta, tal-kejl superficjali ta' circa tnax-il elf sitt mija tnejn u erbghin metri kwadri (12,642m.k.) konfinanti mill-Lvant ma' Triq ta' Sant'Andrija, u mill-irjieh l-ohra kollha ma' beni ta' terzi mhux maghrufa, jew irjieh ohra verjuri aktar precizi. L-imsemmija proprjeta hija accessibli sia minn l-imsemmija Triq ta' Sant'Andrija kif ukoll minn trejqa illi taghti fuq Triq il-Providenza, Siggiewi, u hija okkupata minn terzi b'titolu ta' qbiela, altrimenti libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha.'.

2. Illi mill-atti jirrizulta li l-art in kwistjoni kienet imqabbla lill-intimat Bezzina u qabel lil martu Carmela Bezzina taht id-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta) versu l-qbiela ta' hamsa u tletin lira u hamsin centezmu (Lm35.50) tal-munita l-antika ekwivalenti ghas-somma ta' tnejn u tmenin Ewro u disgha u sittin centezmu (€82.69) fis-sena liema ammont gie mizjud ghal mija hamsa u sittin Ewro u erbghin centezmu (€165.40) fis-sena u sussegwentement ghal tlett mija u hamsin Ewro (€350) fis-sena.

3. Illi r-rikorrenti jilmentaw minn interferenza mad-dritt tas-sid ghall-uzu tal-proprjeta' taghhom stante li dawn l-iskemi ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jittermina l-kirja tal-inkwilin u wisq inqas ta' min qed jipprova jippresta lilu nnifsu bhala inkwilin meta mhuwiex jikkostitwixxi kontroll tal-uzu tal-proprjeta'. Ghalhekk huma pprocedew b'din il-kawza fejn talbu li jigi dikjarat u deciz li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta’ Malta qabel ma gie emendat bl-Att XXII tal-2022 u bir-regolamenti li gew introdotti bl-istess Att, b’mod partikolari, izda mhux biss, l-Artikoli 3, 4 u 14 tal-istess Kap. 199 qeghdin jaghtu dritt ta’ rilokazzjoni indefinita lill-intimat Nazzareno Bezzina (KI.12445M) ghar-razzett maghruf bhala ‘Ta’ Farrugia’ u wkoll maghrufa bhala ‘Tal-Lewza’ jew ‘Tax-Xama’ fil-kuntrada maghrufa bhala ta’ Sant’ Andrija, Siggiewi ta’ kejl ta’ circa 12-il tomna li jappartjeni lilhom, u dan qed jirrendiha impossibli lilhom li jirriprendu l-pussess tal-imsemmija proprjetà. Talbu wkoll li konsegwentement jigi dikjarat u deciz li qed jigu

lezi d-drittijiet fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom ossia r-razzett maghruf bhala ‘Ta’ Farrugia’ u wkoll maghrufa bhala ‘Tal-Lewza’ jew ‘Tax-Xama’ fil-kuntrada maghrufa bhala ta’ Sant’ Andrija, Siggiewi ta’ kejl ta’ cirka 12-il tomna, kif protetti mill-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta) u anke mill-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni u b’hekk taghtihom ir-rimedji li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluz ir-ripresa tal-ghalqa de quo. Ir-rikorrenti talbu wkoll li jigi dikjarat u deciz li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens pekunjarju u non pekunjarju u danni sofferti minhom oltre imghaxijiet legali b’konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XVI tal-1967 ossia l-Kap. 199 tal-Ligijiet ta’ Malta, qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022, li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk ta’ l-inkwilini, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta’ in kwistjoni u dan ai termini tal-Ligi. Finalment talbu li jigi likwidat l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti minnhom ai termini tal-Ligi u dan oltre l-imghaxijiet legali u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati, bl-imghax legali tat-8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar:</u>**

Illi permezz ta’ digriet tas-16 ta’ Jannar, 2024 a fol. 41 tal-process din il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Mario Cassar sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond cioe' razzett maghruf bhala 'Ta' Farrugia' u wkoll maghruf bhala 'Tal-Lewza' jew 'Tax-Xama' fil-kuntrada maghrufa bhala ta' Sant'Andrija, Siggiewi mis-sena 1987 u kull 5 snin sal-1 ta’ Settembru, 2023.

Ir-rapport tal-Perit Tekniku gie prezentat fl-atti nhar l-1 ta’ Frar, 2024 a fol. 46 et seq tal-process u gie mahluf nhar l-20 ta’ Mejju, 2024. Fir-rapport tieghu l-Perit jaghti deskrizzjoni tal-proprjeta’ mmobbli u sussegwentement jghaddi sabiex jaghti l-valutazzjoni tal-proprjeta’ u l-valur lokatizzju tal-istess.

Il-Perit Tekniku Mario Cassar jiddikjara li bhala valur prezenti, fis-sena 2023, tal-proprjeta’ fis-suq liberu u frank huwa dak ta’ miljun tlett mitt elf u wiehed u erbgha mija u erbghin Ewro (€1,301,440) u dan wara li ha konsiderazzjoni li l-proprjeta' ghandha Gross Floor Area ta' c. 12600 metri kwadri, illi tinkludi strutturi illi ghandhom arja superficjali ta' c. 205 metri kwadri. Ikompli billi jghaddi ghal valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni mis-sena 1987 sas-sena 2023 billi gie stmat bil-mod segwenti:

| Cit-ref. JVC 444/2023 | | | MEX1) |
|---|---|---|---|
| Sena | Market value. Dep @ 10%/annum | Period 5 years | Rental value @ 2% |
| 1987 | 42101 | 42101 | 842 |
| 1988 | 46311 | 42101 | 842 |
| 1989 | 50942 | 42101 | 842 |
| 1990 | 56036 | 42101 | 842 |
| 1991 | 61639 | 42101 | 842 |
| 1992 | 67803 | 67803 | 1356 |
| 1993 | 74584 | 67803 | 1356 |
| 1994 | 82042 | 67803 | 1356 |
| 1995 | 90246 | 67803 | 1356 |
| 1996 | 99271 | 67803 | 1356 |
| 1997 | 109198 | 109198 | 2184 |
| 1998 | 120118 | 109198 | 2184 |
| 1999 | 132129 | 109198 | 2184 |
| 2000 | 145342 | 109198 | 2184 |
| 2001 | 159877 | 109198 | 2184 |
| 2002 | 175864 | 175864 | 3517 |
| 2003 | 193451 | 175864 | 3517 |
| 2004 | 212796 | 175864 | 3517 |
| 2005 | 234075 | 175864 | 3517 |
| 2006 | 257483 | 175864 | 3517 |
| 2007 | 283231 | 283231 | 5665 |
| 2008 | 311554 | 283231 | 5665 |
| 2009 | 342710 | 283231 | 5665 |
| 2010 | 376981 | 283231 | 5665 |
| 2011 | 414679 | 283231 | 5665 |
| 2012 | 456147 | 456147 | 9123 |
| 2013 | 501761 | 456147 | 9123 |
| 2014 | 551938 | 456147 | 9123 |
| 2015 | 607131 | 456147 | 9123 |
| 2016 | 667845 | 456147 | 9123 |
| 2017 | 734629 | 734629 | 14693 |
| 2018 | 808092 | 734629 | 14693 |
| 2019 | 888901 | 734629 | 14693 |
| 2020 | 977791 | 734629 | 14693 |
| 2021 | 1075570 | 734629 | 14693 |
| 2022 | 1183127 | 1183127 | 23663 |
| 2023 | 1301440 | 1301440 | 26029 |
| | | € | 210560 |

Il-Qorti rat ukoll id-domandi in eskussjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u r-risposti rispettivi taghhom mill-Perit Tekniku Cassar u rat li hadd mill-partijiet ma talab il-hatra ta' periti perizjuri.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Bezzina:**

Illi l-intimat Bezzina eccepixxa li huwa ma jista qatt iwiegeb ghar-rikors promotur in kwantu li huwa cittadin privat u li ghaldaqstant ma jista' qatt jinstab hati ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali kif pretiz mir-rikorrenti fir-rikors promotur.

Illi huwa accettat mill-gurisprudenza taghna li f'kawzi ta' indoli kostituzzjonali huwa l-Istat li ghandu jwiegeb ghall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali billi huwa l-Istat illi ghandu l-obbligu illi jassigura li l-ligijiet ma joholqux zbilanc jew sproporzjon ingust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-obbligi tal-Istat.

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti jilmentaw li bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jaghtu lok ghal dritt ta' rilokazzjoni indefinita, b'dan li qed jigu miksura u vjolati d-drittijiet fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta' ossia razzett maghruf bhala 'Ta' Farrugia' u wkoll maghruf bhala 'Tal-Lewza' jew 'Tax-Xama' fil-kuntrada maghrufa bhala Sant'Andrija, Siggiewi ta' kejl ta' cirka 12 il-tomna u dan bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali u anke l-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni u mill-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni tas-6 ta' Frar, 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Sam Bradshaw et -vs- L-Avukat Generali et** dwar il-kwistjoni ta' legittimu kontradittur trattat ukoll il-kwistjoni ta' kostituzzjonalita' u spejjez f'kawza simili u nghad illi:

> '20. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm taqbel mat-tezi li, ladarba l-kazin agixxa skont il-ligi, allura m'ghandux legalment jirrispondi ghall-inkostituzzjonalita' tal-ligi applikata minnu jew jehel spejjez

tal-kawza, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffettwaw lill-kazin stante li dan hu parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalita' taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza tieghu f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integreta' tal-gudizzju. Il-kazin bhala inkwilin tal-fond ghandu interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilu direttament. Ghal din ir-raguni huwa ghandu jkun partecipi fil-gudizzju u ghalhekk huma legittimi kuntraditturi. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet it-talba ghas-sejha fil-kawza tal-kazin intimat.'.

Din il-Qorti tqis li m'ghandiex xi zzid ma dak li nghad mill-Qorti Kostituzzjonali stante li taqbel mal-istess. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni fis-sens li gie eccepit li l-azzjoni m'hijiex proponibbli fil-konfront tieghu.

**<u>It-tieni eccezzjoni tal-intimat Bezzina u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Illi bit-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat Bezzina eccepixxa li r-rikorrenti ghandhom jaghtu prova cara u inekwivoka tat-titolu taghhom. Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat Avukat tal-Istat preliminarjament eccepixxa li r-rikorrenti ghandhom igibu prova sodisfacenti li l-fond de quo huwa mikri u mikri b'kirja li taqa' taht l-awspici tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Prova dwar it-titolu tal-proprjeta':</u>

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) dwar l-prova tat-titolu, fis-sentenza fl-ismijiet **Robert Galea -vs- Avukat Generali et** deciza nhar is-7 ta' Frar, 2017 sostniet kif isegwi:

'Illi biex wieħed ikun f'qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed originali

bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali kienet waħda ta' rivendika. Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaga li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun.'.

Hekk ukoll inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Gatt et -vs- Avukat Generali et** deciza nhar il-5 ta' Lulju, 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali illi:

'Din il-Qorti tirrileva li din l-azzjoni mhix wahda rei vindicatoria, u kwindi mhux mehtieg il-prova diabolica ta' titolu originali. Hu bizzejjed li r-rikorrenti juru interess guridiku fl-esitu ta' din il-kawza.'.

Illi minn ezami tal-provi ndikati precedentement fis-sezzjoni '**Fatti fil-qosor:**' jirrizulta li r-rikorrenti ressqu provi sufficjenti tat-titolu taghhom sal-grad rikjest mil-ligi ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad dawn l-eccezzjonijiet.

<u>Prova tal-kirja u prova li l-kirja hija regolata bil-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta:</u>

Illi dwar il-prova tal-kirja u l-prova li l-kirja hija regolata bil-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta fl-atti gew ipprezentati kopji tal-ktieb tal-kera tal-porzjon art u razzett mertu tal-kawza a fol. 74 et seq tal-process. Minn dawn il-kopji mhux biss giet ippruvata l-kirja, izda wkoll li l-kirja kienet tmur lura zgur qabel l-1995 u hija regolata bil-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk il-Qorti m'ghandiex dubju dwar l-ezistenza tal-kirja u li din il-kirja hija wahda regolata bil-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimat Bezzina u t-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Illi kemm l-intimat Bezzina, kif ukoll l-intimat Avukat tal-Istat eccepew illi l-azzjoni hija wahda intempestiva billi r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji fil-forma ta' mezzi gudizzjarji li r-rikorrenti jistaw juzufruwixxu ruhhom minnhom biex jirriprendu l-pussess tal-fond *de quo*.

Illi dwar ir-rimedju ta' kumpens ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali l-Qorti tirrileva li dan huwa kompetenza unika tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede Kostituzzjonali taghha u tal-ebda Qorti ohra. Ir-rimedji disponibbli li l-intimati Avukat tal-Istat u Bezzina qeghdin jirreferu ghalihom huma differenti minn dawk mitluba lil din il-Qorti w'ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti, dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali ma kellhomx rimedji ohra ghajr li jipprocedi bil-kawza odjerna. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li r-rikorrenti naqsu milli juzufruwixxu ruhhom mir-rimedji ordinarji gialadarba r-rimedju disponibbli fi ksur tad-drittijiet fundamentali setgha biss isir bil-procedura odjerna. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Illi l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa li huwa jrid l-interess guridiku tar-rikorrenti u minn meta dan beda billi r-rikorrenti Nicholas Borg u Marlene Boxall urew li huma legatarji ghal terz (1/3) tal-fond u gew immessi fil-pussess biss fil-5 ta' Gunju, 2023 madanakollu l-interess tar-rikorrenti l-ohra ghadu mhux pruvat sal-grad rikjest mil-ligi.

Illi kif inghad precedentement fis-sezzjoni '**Fatti fil-qosor:**' fl-atti ma giex esebit kopja tat-testment ta' Carmela Pace li permezz tieghu l-fond in kwistjoni ghadda favur uliedha/neputijiet r-rikorrenti. Madanakollu fl-atti gew ipprezentati kopja ta' ricevuti tal-hlas tal-qbiela a fol. 26 u a fol. 74 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li f'xi okkazzjonijiet il-hlas sar favur ir-rikorrenti kollha. Dipiu' xehed ir-rikorrenti Nicholas Borg bl-uzu tal-affidavit a fol. 7 et seq tal-process fejn ikkonferma li s-sehem ta' kull wiehed u wahda mir-rikorrenti huwa ta' terz (1/3) kull wiehed ghajr

ghas-sehem tieghu u ta' ohtu r-rikorrenti Boxall li huwa dak ta' terz (1/3) indiviz bejniethom. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma provi sufficjenti li r-rikorrenti kollha ghandhom interess guridiku. Ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:</u>**

Illi l-Artikolu 37 sub-artikolu 1 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi illi:

> '(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –
>
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;
>
> (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u
>
> (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:
>
> Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.'.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li r-razzett u r-raba' in kwistjoni msejha bhala 'Ta' Farrugia' u wkoll maghruf bhala 'Tal-Lewza' jew 'Tax-Xama' fil-kuntrada maghrufa bhala 'Ta' Sant'Andrija', Siggiewi ta' kejl ta' cirka 12 il-tomna kif kienu soggetti ghall-qbiela gie ghand ir-rikorrenti b'wirt minghand ommhom/nannithom Carmela Pace. Ir-rikorrenti jispjegaw li r-razzett u r-raba' huwa mizmum b'titolu ta' qbiela ghand l-intimat Nazzareno Bezzina bil-qbiela ta' hamsa u tletin lira u hamsin centezmu (Lm35.50) tal-munita l-antika ekwivalenti ghas-somma ta' tnejn u tmenin Ewro disgha u sittin centezmu (€82.69) fis-sena liema qbiela awmentat ghas-somma ta' mija hamsa u sittin Ewro u erbghin centezmu (€165.40) u sussegwentement regghet awmentat ghal tlett mija u hamsin Ewro (€350).

Illi ghalkemm l-Artikolu 4 sub-artikolu 2 tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi lista shiha ta' cirkostanzi ta' meta sid ta' art agrikola jista' jitlob li l-kirja taghha ma tibqax tiggedded u b'hekk tigi lura ghandu, il-ligi xorta timponi diversi limitazzjonijiet li minhabba fihom is-sid ma jistax igawdi bis-shih il-proprjeta' tieghu, u dan allegatament minghajr kumpens gust.

Illi dwar il-kumpens gust, il-Qorti tosserva li bl-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022 zdied l-Artikolu 4(2A) fil-Kap. 199 li jipprovdi ghal mekkanizmu fejn il-kirja gusta tar-raba' ghal uzu agrikolu tista' tigi stabbilita b'mod li ma teccedix il-1.5% fis-sena tal-valur tal-art libera u franka u fil-kaz ta' zieda ta' 2% fejn ir-raba' jkun jinkludi razzett. Tali zieda tista ssir kull tmien (8) snin skont l-istess mekkanizmu stipulat fil-ligi fl-eventwalita' li s-sid u l-inkwilin ma jilhqux ftehim mod iehor. Din l-emenda kienet intiza sabiex izzomm bilanc gust bejn is-sid u l-inkwilin fejn ghalkemm jista' ma joffrix jew ma jiggarantix kumpens shih ghal generalita' tal-kazijiet kollha, pero' meta jkun hemm prezenti ghanijiet legittimi mehuda fl-interess generali, bhalma hu dan il-kaz, il-kumpens gust jista' jigbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur shih tas-suq. Illi din l-emenda provdiet rimedju mill-introduzzjoni taghha madanakollu ma provdietx rimedju lis-sidien ghall-kera baxxa li kienu rcevew ghaz-zmien kollu qabel l-introduzzjoni fis-sehh tal-imsemmija ligi. Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tibqa' tirrikonoxxi l-importanza tas-settur agrikolu fil-gzejjer

Maltin bhala sostenn tal-poplu partikolarment fi zminijiet ta' krizi u l-fatt li kienu jezistu certu mekkanizmi gia' fil-ligi sabiex is-sidien jiehdu lura l-proprjeta' taghhom f'certu kazijiet, tirrikonoxxi d-dewmien mhux gustifikat fl-introduzzjoni fil-ligi ta' dan il-mekkanizmu aktar gust ghall-zieda fil-kers u tqis allura li r-rikorrenti sofrew ksur tad-drittijiet taghhom tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta zgur sa qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022 u ser tghaddi sabiex tichad kwalunkwe eccezzjoni relatata mal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:**

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'.

Illi dwar dan u l-principji applikabbli fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali datata 31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara et -vs- L-Onorevoli Prim'Ministru et** inghad illi:

> '...fejn si tratta minn ilmenti ta' vjolazzjoni ta' natura kontinwa tad-drittijiet ta' proprjeta` bhala rizultat tat-twettieq ta' ligijiet li jimponu arrangamenti lokatizji fuq is-sidien u li jipprovdu ghal ammont ta' kera allegatament inadegwat, gew ritenuti li

jammontaw ghal mezz ta′ kontroll mill-iStat fuq l-uzu tal-proprjeta u, inkwantu tali, jaqghu sabiex jigu kkunsidrati taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Interferenza bhal din trid tkun kompatibbli mal-principji ta′ (i) legalita` (lawfulness), (ii) ghan legittimu fl-interess generali, u (iii) bilanc gust.′.

Illi dwar il-principju tal-legalita′ (lawfulness) il-Qorti m′ghandiex dubju li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta′ Malta kif emendat tul is-snin sar taht qafas legali. M′hemmx dubju wkoll li fiz-zmien li ttiehdet il-mizura permezz tal-promulgazzjoni ta′ din il-ligi, l-ghan ahhari kien wiehed legittimu billi l-qasam tal-biedja minn dejjem kien importanti billi huwa sors importanti ghalina ghal dak li hu ikel mill-art bil-hidma tal-bidwi u l-importanza ta′ dan is-settur jinhass specjalment meta l-pajjiz ikollu nuqqas ta′ prodott li jigi mpurtat jew issehh xi kalamita′ jew pandemija bhal ma fil-fatt sehh. Madanakollu ma jistax jinghad li gie mhares il-principju ta′ bilanc gust billi qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022 li dahal fis-sehh fit-8 ta′ Frar, 2023 is-sidien kienu ferm limitati in kwantu ghall-kumpens gust percepit mill-kirja tar-raba′ ghall-uzu tal-agrikoltura.

__**Allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:**__

Illi fil-hmistax il-eccezzjoni tieghu l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa li assolutament mhux minnu li sehhet xi lezjoni ta' drittijiet fundamentali vantati mir-rikorrenti sanciti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Qorti analizzat l-atti in relazzjoni ma′ dawn l-ilmenti u rat li mkien ir-rikorrenti ma qeghdin jilmentaw minn xi nuqqas procedurali konsistenti fost affarijiet ohra minn (i) nuqqas ta′ tribunal indipendenti u mparzjali, (ii) dewmien ingustifikat waqt smiegh ta′ kawza, (iii) meta smiegh jissokta fl-assenza tal-parti tal-kawza, (iv) nuqqas ta′

applikazzjoni tal-principju tal-*audi alteram partem*, u/jew li tressaq il-kawza kif imiss, u (v) nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza.

Illi l-Qorti taqbel ma' dak eccepiet mill-Avukat tal-Istat. Gjaladarba ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas procedurali kif indikat fil-paragrafu precedenti l-Qorti tqis li m'hemmx ksur tal-Artikoli msemmija u ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni ndikata u tichad it-talbiet relatati mal-istess.

**<u>Rimedji:</u>**

Illi r-rikorrenti, oltre talba ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, talbu lil din il-Qorti taghtihom ir-rimedji xierqa fis-sitwazzjoni ossia kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti minnhom ai termini tal-ligi.

**<u>Kumpens:</u>**

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza partikolari ghas-sentenza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2023 fl-ismijiet **Vincenza *sive* Sina Magro -vs- L-Avukat tal-Istat et** bir-rikors numru 224/19/1 li ghamlet referenza ghad-decizjoni **Cauchi -vs- Malta** deciza mill-Qorti Ewropea fil-25 ta' Marzu, 2021. Il-Qorti tqis li l-istess principji enuncjati u r-ragunament applikat f'dak il-kaz ghandu japplika wkoll ghall-kaz odjern:

> 'Għaldaqstant il-Qorti tqis li ż-żmien relevanti *tenut* kont ta' dak rilevat jibda jiddekorri mill-2010. Il-perit tekniku stima li l-valur lokatizju komplessiv tal-art inkwistjoni għall-perjodu bejn l-2010 u l-2020 huwa ta' €11,849. Il-Qorti ser tuża l-metodu ta' komputazzjoni stabbilit fis-sentenza **Cauchi v. Malta**, b'dan illi t-tnaqqis għall-għan leġittimu tal-liġi għandu jkun ta' 30%. Isir ukoll it-tnaqqis ta' 20% minħabba l-inċertezza li s-sid jirnexxilu jikri l-

proprjetà inkwistjoni tul il-perjodu kollu u għall-ammonti stmati mill-perit tekniku. Dan iwassal għas-somma ta' ċirka €6,635. Minn din is-somma trid imbagħad titnaqqas il-kera li kienet tiġi mħallsa mill-inkwilin, li tammonta komplessivament għal ċirca €280. Għaldaqstant il-kumpens pekunarju dovut lill-attriċi huwa fis-somma ta' €6,355.

35. Ma' dan l-ammont għandu wkoll jiżdied kumpens għad-danni morali sofferti mill-attriċi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi kienet issottomettiet li l-kumpens morali għandu jiġi llikwidat fis-somma ta' €2,000. Il-Qorti tqis li kkonsidrat it-tul ta' żmien li damet għaddejja l-leżjoni u meta l-attriċi saret il-proprjetarja tal-art inkwistjoni, u ċjoè fl-1982, is-somma ta' €2,000 pretiża mill-attriċi hija raġonevoli. Għaldaqstant il-kumpens morali dovut lill-attriċi qiegħed jiġi ffissat fl-ammont ta' €2,000.'.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-inkwilin u qablu martu kien ilhom igawdu r-razzett u l-art ta' maghha ghal numru ta' snin u ghadhom igawdu r-razzett u l-art ta' mieghu sa llum.

Il-Qorti, wara li fliet id-decizjonijiet kollha in materja, nkluz dawk kwotati f'din l-istess decizjoni u fin-nota ta' sottomissjonijiet tasal ghas-segwenti likwidazzjoni ta' danni pekunjarji:

Illi l-Qorti tqis li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-perijodu minn Mejju tas-sena 1987 cioe' meta giet adottata l-konvenzjoni sa Jannar 2023 cioe' sa meta dahlu fis-sehh l-emendi tal-2022 w'ghalhekk provdew aktar rimedji lir-rikorrenti li qabel ma kinux jezistu.

Il-Qorti tinnota li bhala partijiet gie nkluz ukoll Giorgio Borg li gie mahtur bhala eredi minn martu Saveria Borg u ghalhekk ghandu interess fil-perijodu qabel ma mietet martu. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tillikwida s-sehem relatat ma' Saveria Borg cioe' dak ta' terz (1/3) l-istess mis-sena 1987 u thalli f'idejn il-partijiet cioe' zewgha Giorgio Borg u wliedha l-ahwa Borg sabiex jirregolaw is-sehem rispettiv ta' bejniethom stante li finalment din hija kwistjoni ta' bejniethom u ma taffettwa lill-intimati jew min minnhom.

Illi l-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni fis-suq miftuh matul is-snin imsemmija, kif stmat mill-Perit Tekniku Mario Cassar jammonta komplessivament ghal dak ta' mitejn u tnax il-elf erbgha mija wiehed u hamsin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€212,451.41). Ir-rikorrenti prezentaw kopja tal-ktieb tal-kera minn fejn irrizulta mis-sena 1995 x'kienet tithallas bhala qbiela. Il-Qorti hadet li l-ammont ta' hamsa u tletin lira u hamsin centezmu (Lm 35.50) bhala l-ammont ta' qbiela li kien jithallas precedentement dik is-sena. Dan ifisser li r-rikorrenti rcivew is-somma ta' hames 'telef hames mija tmienja u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€5,548.61) ghall-istess perijodu. Ghalhekk l-ammont dovut huwa dak ta':

€212,451.41 - €5,548.61 = €206,902.80

Din il-Qorti tqis li, in linea mal-gurisprudenza suesposta u stante l-ammont, ghandha titnaqqas somma ulterjuri ekwivalenti ghal 30% u wkoll persentagg ulterjuri ta' 20% stante li kif inghad fil-gurisprudenza suesposta ghandu jigi tenut kont li mhux necessarjament il-proprjeta' in kwistjoni kienet ser tinkera tul il-perjodu kollu li kieku kienet libera sabiex tinkera:

€206,902.80 – 30%= €144,831.96 – 20% = €115,865.57

**Ammont ta' kumpens dovut**: mija u hmistax il-elf tmien mija hamsa u sittin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€115,865.57). Il-Qorti tiddikjara li dan il-kalkolu jsir minnha circa sabiex jghinha tasal ghal valur ta' danni u ghandu jigi meqjus li l-ammont huwa dikjarat *abritrio boni viri*.

In kwantu ghad-danni non pekunjarji l-Qorti tqis li d-diskrezzjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens moghti tibqa dejjem f'idejn il-Qrati taghna. Il-Qorti rat ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Henry Deguara Caruana Gatt et -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 fejn il-Qorti qieset li l-ammont ta' €500 ghal kull sena illi l-parti li tkun sofriet ksur tad-drittijiet fundamentali taghha hija korretta bhala kumpens ikkunsidrat li ssegwi l-prassi tal-Qrati Maltin u l-Qrati Ewropea fuq dan il-punt. Il-Qorti tqis li ghalkemm dik id-decizjoni ta' Caruana Gatt

et titratta l-kirjiet residenzjali, l-istess principji huma applikabbli wkoll fil-kaz ta' raba' agrikola ovvjament tenut kont ukoll tal-valur tar-raba' in kwistjoni b'dana li allura l-kumpens irid ikun in proporzjon u relatat mal-istess. Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti u wkoll in vista li fil-kaz citat is-somma likwidata bhala danni kienet ferm aktar ghola minn dik odjerna l-Qorti tqis li kumpens ghal danni mhux pekunjarji ta' ghaxar 'telef Ewro (€10,000) huwa wiehed idoneu u gust fic-cirkustanzi.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-hmistax-il eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u tiddikjara l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea bhala mhux applikabbli;

2. Tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-intimati Avukat tal-Istat u Nazzareno Bezzina safejn dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma gie emendat bl-Att XXII tal-2022 u bir-regolamenti li gew introdotti bl-istess Att, b'mod partikolari, izda mhux biss, l-Artikoli 3, 4 u 14 tal-istess Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimat Nazzareno Bezzina (KI.12445M) ghar-razzett maghruf bhala 'Ta' Farrugia' u wkoll maghrufa bhala 'Tal-Lewza' jew 'Tax-Xama' fil-kuntrada maghrufa bhala ta' Sant' Andrija, Siggiewi ta' kejl ta' circa 12-il tomna li jappartjeni lill-istess rikorrenti, u dan qed jirrendiha impossibbli lill-istess rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-imsemmija proprjetà;

4. Tilqa' limitatament it-tieni talba u konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li kienu qed jigu lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom ossia r-razzett maghruf bhala 'Ta'

Farrugia' u wkoll maghrufa bhala 'Tal-Lewza' jew 'Tax-Xama' fil-kuntrada maghrufa bhala ta' Sant'Andrija, Siggiewi ta' kejl ta' circa 12-il tomna, zgur sa qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022 u dan kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u sejra tghaddi sabiex taghti lir-rikorrenti r-rimedji li jidrilha xieraq fil-paragrafi segwenti u tichadha fejn si tratta mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni Ewropea u fejn intalbet ir-ripresa tal-ghalqa *de quo* u dan ghar-ragunijiet suesposti;

5. Tilqa' limitatament it-tielet talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens pekunjarju u non pekunjarju u danni sofferti mir-rikorrenti oltre imghaxijiet legali b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XVI tal-1967 ossia l-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022, li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk ta' l-inkwilini, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni, u dan ai termini tal-Ligi u tichadha fejn si tratta r-responsabilita' tal-intimat Bezzina;

6. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Ligi fl-ammont kumplessiv ta' mija hamsa u ghoxrin elf tmien mija hamsa u sittin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€125,865.57) u dan oltre l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti decizjoni;

7. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati, bl-imghax legali tat-8% fis-sena mid-data tal-prezenti decizjoni sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat inkluzi dawk tal-inkwilin intimat.

In vista li din il-Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti tordna notifika tad-decizjoni odjerna lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament Malti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Gunju, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Gunju, 2025**